MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 152/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Augustine Camilleri**

Kumpilazzjoni Nru: 152/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Augustine Camilleri, ta' 63 sena, bin il-mejjet Oscar u Vienna nee' Mifsud, imwieled Valletta fl-1 ta' Gunju, 1945 u joqghod fil-fond numru 28, 'Tuscany', Triq il-Ghajn, Swieqi, , detentur tal-karta tal-identita bin-numru 547845(M).

Akkuzat talli f'Gunju, 2008, u fix-xhur prcedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Victor Caruana detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 456045 (M), ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar b' profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Victor Caruana, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 456045 (M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lil-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht l-artikoli:

a) 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrizultaw ampjament u m’hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom.

Illi f’Marzu tas-sena 2002 l-parte civile Victor Caruana gie avvicinat mill-konsulent legali tieghu l-avukat Dr Stephen Borg Cole biex isellef ammont ta’ flus lill-imputat, klient iehor ta’ l-istess avukat. Saret laqa’ bejn il-partijijet koncernati, intlahaq ftehiem li gie redatt bil-miktub fit-12 ta’ Marzu 2002 li permezz tieghu l-imputat ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur ta’ Caruana fis-somma ta’ Lm7,980 li kellhom jithallsu lura wara tlett xhur; giet anke iffirmata kambjala ghal dan l-ammont.

Illi mid-depozizzjoni ta’ Caruana jidher li huwa kien indaga ma’l-avukat biss x’kienet ir-raguni ghalfejn l-imputat kellu bzonn il-flus. Skond Caruana dan (cioe l-avukat) qallu li l-imputat kellu bzonn flus in konnessjoni man-negozju li kellu f’Tunez. Jirrizulta li direttament ma’l-imputat Caruana iddiskuta biss il-metodu tal-hlas lura ta’ l-ammont li kien ser jigi misluf. Hawn ukoll isemma’ n-negozju li l-imputat kellu f’Tunez fis-sens li skond Caruana l-imputat qallu li kien ser ihallsu mir-rikavat ta’ xi negozju li kien qed jaghmel f’Tunez. Ghalkemm ma jsemmiex Tunez, anke l-imputat f’l-istqarrija tieghu jghid li hu kien ser ihallas lill-imputat mir-rikavat ta’ xi bicca negozju. Mid-depozizzjoni ta’ Caruana jidher li l-imputat verament kellu xi negozju f’Tunez u kien imur regolarment Tunez.

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat ma hallasx l-ammont misluf fiz-zmien ta’ tlett xhur kif mifthiem u kien biss b’hafna tahbiet u sforzi da parti ta’ Caruana li minn zmien ghal zmien l-imputat ghamel xi pagamenti akkont. Jirrizulta ukoll li sa’ llum ghad baqa bilanc pendenti ekwivalenti ghal Lm2,200.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali ir-reati addebietati lill-imputat huma tnejn: truffa u/jew frodi innominata, u misappropjazzjoni.

Illi waqt is-sottomissjonijiet verbali maghmula f’ismu l-imputat qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi f’dan ir-rigward l-Qorti tirrileva li l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni u li huma l-mertu ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat sehhew f’ Marzu 2002. Ir-reati addebietati lill-imputat huma dawk ta’ truffa u/jew frodi innominata u ta’ misapprojazzjoni f’ammont li jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centemmu (€2,329.37) ghalhekk il-piena applikabbli hija dik kontemplata f’l-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 u cioe prigunerija ghal perjodu bejn tlettax il-xahar u sebgha snin. Konsegwentement l-azzjoni kriminali fil-kaz in ezami taqa’ bi preskrizzjoni b’eghluq l-ghaxar snin u dan skond dak predispost f’l-artikolu 688(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi c-citazzjoni giet prezentata fit-18 ta’ Frar 2009 u sa’ l-20 ta’ April 2009 l-imputat zgur kien gie notifikat biha. Ghalhekk l-azzjoni kriminali kienet lahqet bdiet u giet regolarment notifikata lill-imputat entro l-ghaxar snin stipulati f’l-artikolu 688(c) fuq imsemmi. Ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni mhiex preskritta u konsegwentement l-eccezzjoni ta’l-imputat qed tigi michhuda.

Ikkunsidrat

Illi l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati ta’ truffa, frodi u misappropjazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u l-Qorti ma tarax li hemm htiega li toqghod telenkahom.

Illi mill-fatti kif fuq esposti u mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta li Caruana sellef flus lill-imputat ghaliex dan kellu bzonnhom in konnessjoni man-negozju tieghu; Caruana ma stipulax xi uzu partikolari li l-imputat kellu jaghmel bil-flus mislufa. Jirrizulta ukoll li l-imputat verament kellu xi tip ta’ negozju f’Tunez. Tenut kont ta’ dan, tenut kont ta’

x'wassal lil Caruana biex jaghti l-flus lill-imputat u tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz, b'l-ebda mod ma gew pruvati l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati in ezami.

Illi in oltre l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u kif redatti fic-citazzjoni jirreferu ghal fatti li suppost graw f'Gunju tas-sena 2008 u fix-xhur ta' qabel. Mill-atti ma jirrizultax li f'Marzu 2008 sehhew xi fatti li setghu jaghtu lok ghall-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------